MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2009

Numru. 791/2008

**Il-Pulizija**
**[Spettur Alfred Mallia]**

**vs**
**Domenic Cutajar**

**Kumpilazzjoni Numru: 791/2008**

Illum, 18 ta’ Mejju, 2009

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Domenic Cutajar, ta’ 43 sena, bin Francis u Agnes nee’ Zammit, imwieled Zebbug, Malta fil-31 ta’ Awissu, 1964, residenti fil-fond

Numru 4, Bini tal-Gvern, Triq il-Mithna, Zebbug, Malta u detentur tal-Karta ta' l-Identita' b'numru 463964M.

Akkuzat talli:

Fit-28 ta' Marzu, 2008 ghall-habta tal-5:30pm fil-Belt Valletta, ikkommetta serq ta' personal Digital assistant, PDA, tal-ghamla HP ghal valur ta' izjed minn €233 (Lm100) izda mhux izjed minn €2330 (LM1000) ghad-detriment tal-Kumpanija GO p.l.c liema serq kien ikkwalifikat bil-valur u bil-persuna bi ksur tal-Artikolu 267 u 268 tal-Kaptitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Genareli biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-artikoli 261(c)(d), 267, u 268 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebieti.

Rat li f'l-udjenza mizmuma llum 18 ta' Mejju 2008 l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni, l-fedina penali ta' l-imputat u l-fatt li r-res furtiva giet irkuprata u ritornata lil sidha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(c)(d), 267, u 268 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni

ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) xhur.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett (3) xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------